**A.L. --- tal-2025**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**

**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**
**L.S. 549.149.**
**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Qafas għall-Prodotti tal-Plastik li Jintużaw Darba Biss, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

**Iħassar regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.**
**2.** Regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

**Iħassar regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**
**3.** Regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.